# Is-Surmast Carmelo Tonna 1901–1973

## Id-disinjatur tal-bradella ta' San Ġużepp

kitba ta' **Martin Ellul**

Is-Surmast Tonna, kif kien l-aktar magħruf, twieled ir-Rabat fid-9 ta' Ottubru tal-1901. Minn tfulitu, hu wera inklinazzjoni naturali għall-Arti hekk li nistgħu ngħidu li donnu kien wild l-arti. U dan bir-raġun kollu għax l-arti kienet kważi tgħammar fid-dar tiegħu. Missieru, Benjamin kien skultur mill-aħjar u għal xogħlu kien imfittex sewwa. Għalhekk, mhux ta' min jistgħaġeb li ibnu, is-Surmast Tonna ħass minn kmieni dik it-tendenza artistika li wiret mingħand missieru.

Wara li temm il-kors skolastiku mis-Seminarju Arċiveskovili fl-Imdina, is-Sur Tonna kompla jitħarreġ fl-Iskola tal-Arti fejn, taħt artisti magħrufa huwa żviluppa, iżjed it-talent li kellu fid-disinn, modellar u skultura. Kien għadu kważi tifel meta, għall-kapaċitajiet li kellu fl-arti, huwa ġie magħżul u mpjegat fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala *Drawing Master*. Għal ħafna snin huwa għallem l-arti f'ħafna skejjel Primarji u fil-Liċeo sakemm irtira bil-pensjoni. Matul dan iż-żmien twil, is-Surmast Tonna kien jgħallem għal bosta snin fl-Iskola tal-Mosta fejn ħafna u ħafna tfal, illum kollha irġiel, ħadu l-ewwel lezzjonijiet tagħhom fid-disinn u baqgħu jgħoddu mal-ħbieb tiegħu. Uħud minn dawn baqgħu sal-aħħar iffittxu l-parir u l-għajnuna tiegħu li bi tbissima u paċenzja kien dejjem iħobb jagħti.



Is-Surmast Carmelo Tonna, id-disinjatur tal-Bradella ta' San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq



Is-Surmast Tonna kien magħruf tajjeb fil-qasam tal-Arti f'Malta u kien igawdi rispett u stima għall-ħila li kellu kemm bħala skultur tajjeb kif ukoll bħala disinjatur eżatt. Kien bniedem verament dedikat għall-arti u sakemm seta' jaħdem bir-reqqa u bl-onestà. Huwa kien imfittex ħafna għall-kapaċità artistika li kellu u dan jidher ħafna xogħlijiet mal-irjieħ kollha tal-gżejjer Maltin. Kien jispikka l-iżjed fl-arti sagra u nistgħu ngħidu li f'dan ix-xogħol ftit ferm huma dawk il-knejjes f'Malta u Għawdex li mhumiex imżejna b'xi biċċa xogħol sabiħa li ħarġet minn idejh.

Fil-Mosta, is-Sur Tonna żgur li jibqa' mfakkar għal żewġ opri kbar li ħalla jgħaxxqu fil-knisja sabiħa tar-Rotunda, jiġifieri l-polptu u l-bankun ta' Santa Marija. Għandna xogħlijiet sbieħ oħra fid-diversi knejjes, f'każini u f'postijiet oħra madwar Malta.

Minkejja l-ħila artistika mhux komuni li kellu s-Surmast Tonna, huwa dejjem għaraf iżomm ruħu f'postu mingħajr ma qatt tkabbar jew fittex tifħir għal xogħlu. Kien umli u modest fl-imġieba tiegħu u mingħajr pretensjonijiet żejda hekk li kien dejjem iħobb jisma' lil kulħadd kemm minn min jifhem u wkoll min dak li ma jafx, għax il-parir kien iħobb jieħdu daqs kemm kien jifraħ jagħtih.

Inrobbi f'ambjent reliġjuż, is-Surmast Tonna kien iħobb jaqdi dmiru ta' nisrani. Ma' niesu kien ħanin u mal-proxxmu kien twajjeb. Dejjem għaraf li f'ħajtu jkun ta' għajnuna lil ħaddieħor sew bl-eżempju kemm b'għemilu.

Is-Surmast Tonna kien miżżewweġ ma' Pawlina née Schembri u kellhom tlett itfal. Is-Surmast Tonna għadda għand il-Ħallieq fil-5 ta' Diċembru tal-1973, fejn Malta tilfet wieħed mill-aqwa artisti ta' dak iż-żmien. Max-xogħol kollu li għamel is-Surmast Tonna, issa bi pjaċir inżiedu l-bradella ġmiel tagħha fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq fil-jiem tal-festa ta' San Ġużepp, liema disinn kien iffirmaħ fit-28 ta' Awwisu 1933 u ħadet is-sura tagħha fis-17 ta' Mejju 2008.